**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Carmel Hartley**
**Matthew Portelli**

Numru: 100/2010

Illum 19 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Carmel Hartley** ta' disgha u tletin (39) sena, iben Paul u Mary nee' Cuschieri, imwieled Pieta', Malta, nhar l-10 ta' Lulju 1971, u residenti fil-fond numru 4, Marylyn, Triq Gian Nikola Buhagiar, San Gwann, Malta u detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 346071M u **Matthew Portelli** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Moses u Miriam nee' Attard, imwieled Pieta', Malta, nhar it-3 ta' Settembru 1986, u residenti fil-fond Flat numru 10, Entratura B, Binja tal-Mensija, Triq George Tayar, Taz-Zwejt, San Gwann, Malta u detentur tal-karta' tal-

identita' bin-numru 398186M, akkuzati talli gewwa Ghawdex, b'diversi atti maghmulin minnhom stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Awwissu 2010, minn gewwa J. Borg & Sons Service Station, fi Triq l-Imgarr, Rabat, Ghawdex, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, ikkommettew serq ta' flus u oggetti liema serq u aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur liema valur jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-dannu ta' Maurice Borg u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Awwissu 2010, minn gewwa J. Borg & Sons Service Station fi Triq l-Imgarr, Rabat Ghawdex, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, ikkommettew serq ta' flus u oggetti liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur liema valur ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-dannu ta' Maurice Borg u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Ottubru 2010, minn gewwa J. Borg & Sons Service Station fi Triq l-Imgarr, Rabat

Ghawdex, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, ikkommettew serq liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur liema valur ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

6. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-dannu ta' Maurice Borg u/jew persuni ohra;

7. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2010, minn gewwa J. Borg & Sons Service Station fi Triq l-Imgarr, Rabat Ghawdex, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, ikkommettew serq liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur liema valur ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

8. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-dannu ta' Maurice Borg u/jew persuni ohra;

9. U aktar talli saru recedivi b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati tal-Magistrati (Malta u Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula jew mhassra;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 338) datata 9 ta' April 2012 li permezz taghha baghat lill-imputati Carmel Hartley u Matthew Portelli biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

**Fir-rigward ta' Carmel Hartley u Matthew Portelli:**

a. fl-Artikoli 261(b),(c),(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(1) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(1), 281(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 325(1)(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 ta-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 474 u 475), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-9 ta' April 2012, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016 lill-Prosekuzzjoni u lill-avukat Jean Paul Grech jaghmlu sottomissjonijiet orali.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub sat-2 ta' Mejju 2016 u lid-Difiza sal-1 ta' Gunju 2016;

Rat illi la l-Prosekuzzjoni u lanqas id-Difiza ma ppezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fiz-zmien moghti lilhom mill-Qorti;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Dewmien ta' procedura</u>**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2010.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien, din il-Qorti ttenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-*

*komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il-mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzati jigu misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-**

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal- Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li

l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

__Apprezzament tal-provi fl-assjem__

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Din il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni vantaggjuza bhall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

__Xhieda__

Waqt dawn il-proceduri xehdu dsatax (19)-il xhud. Din il-Qorti kif preseduta semghet biss tliet (3) xhieda *viva voce*, l-ufficjali tal-Probation li xehdu dwar is-social enquiry report li hejjew, dwar ix-

xhieda l-ohra l-Qorti strahet fuq it-traskrizzjonijiet inseriti fil-process:

L-Ispettur Frank Anthony Tabone *(a fol. 40 et seq.),* Maurice Borg *(a fol. 67 et seq.),* PS664 Jason Xerri *(a fol. 81),* PS342 Johan Said *(a fol. 82),* PS676 Edelon Spiteri *(a fol. 83et seq.),* PC1371 Alfred Grech *(a fol. 133 et seq.),* PS715 Lucian Gatt *(a fol. 140 et seq.),* PC138 Joseph Portelli *(a fol. 144 et seq.),* PC1384 Felix Sammut *(a fol. 146 et seq.),* PS156 Alfio Borg *(a fol. 156),* Joseph Attard *(a fol. 159 et seq.),* PS1464 Michael Portelli *(a fol.171),* Joseph Mallia *(a fol. 179 et seq.),* Martin Bajada *(a fol.295),* Ivan Sultana *(a fol. 354 et seq.),* Joanna Farrugia *(a fol. 380 et seq.),* Dr. Roberta Holland *(a fol. 476 et seq.)* u Joseph Mizzi *(a fol. 495 et seq.).*

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputati.

**Il-fatti specie tal-kaz:**

Matul ix-xahar ta' Awwissu u Ottubru tal-elfejn u għaxra (2010) kienu ġew irrappurtati l-Għassa tal-Rabat, Għawdex, diversi serqiet mill-*petrol station* ta' *Borg Service Station*, li tinsab Triq l-Imġarr, Rabat, Għawdex.  L-ewwel rapport kien daħal fl-erbatax (14) ta' Awwissu tal-elfejn u għaxra (2010), minn Maurice Borg l-proprjetarju.

Kien daħal rapport ieħor fit-tletin (30) t'Awwissu tal-elfejn u għaxra (2010), ieħor fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tal-elfejn u għaxra (2010), u ieħor fit-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u għaxra (2010).

Minn *footage* li kisbet il-Pulizija rriżulta li illi dan is-serq kien qed jiġi magħmul minn żewġ persuni u kienu qed isuqu karozza tal-għamla *Peugeot*, ta' lewn silver.

Il-Pulizija wara aktar stharrig arrestaw lil Carmel Hartley u lil Matthew Portelli.

Fl-istqarrija l-imputat Carmel Hartley ammetta illi hu kien involut fl-aħħar żewġ serqiet li kien hemm mis-*service station*, dawk li saru bejn fil-lejl ta' bejn is-sitta (6) ta' Ottubru u s-sebgħa (7) ta' Ottubru, u tas-sbatax (17) ta' Ottubru u tat-tmintax (18) ta' Ottubru. Huwa spjega li fl-aħħar żewġ serqiet hu ammetta li kien ma' Matthew Portelli.

Matthew Portelli rrilaxxa stqarrija fejn kien ammetta l-involviment tiegħu fl-erba' (4) serqiet, dik li saret fil-lejl ta' bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Awwissu minn J. Borg Service Station ta' Triq l-Imġarr, Rabat, Għawdex, is-serqa li saret fil-lejl ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Awwissu tal-elfejn u għaxra (2010) mill-istess service station. Serqa oħra li saret bejn is-sitta (6) u s-sebgħa (7) ta' Ottubru tal-elfejn u għaxra (2010) mill-imsemmija petrol station, kif ukoll is-serqa l-oħra ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u għaxra (2010), l-istess, mill-istess service station.

F'din l-istqarrija Matthew Portelli stqarr li fl-erba' (4) serqiet kien hemm preżenti miegħu l-imputat Carmel Hartley.

Is-sidien tas-service station iddikjaraw li d-danni soffeti minnhom bejn serq u hsarat kienu ta' sebat elef u mitejn ewro (€7200)[2].

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**Definizzjoni ta' serq**

[2] Skont ix-xhieda ta' Maurice Borg moghtija fit-18 ta' Novembru 2010

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

**Ammissjoni**

L-imputati kemm fl-istqarrijiet taghhom lill-Pulizija kif ukoll quddiem din il-Qorti ammettew l-involviment taghhom fis-serqiet.

Kif gie ritenut minn dawn il-Qrati u b'mod partikolari mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

> **"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). <u>Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is</u>**

**inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."** (Sottolinear ta' din il-Qorti)

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-*

*istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[3]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[4] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi*

---

[3] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[4] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Probation Officer **<u>Joseph Mizzi</u>**[5] spjega li Matthew Portelli:

*"... għaddej minn ħajja stabbli. Għandu mpjieg stabbli. Qiegħed f'relazzjoni stabbli wkoll u qed jieħu ħsieb erbat (4) itfal. Saret żjara wkoll fir-residenza fejn qed jgħix bħalissa fejn għandu relazzjoni tajba wkoll mal-ġenituri tiegħu u jidher li bħalissa qed jirranġa post ieħor li flimkien mat-tfajla tiegħu sejrin jgħixu fih fil-futur. Li nista' ngħid ukoll illi ma irriżultax illi hemm problema ta' alkoħol jew droga, kif hemm ukoll imniżżel fir-rapport saru diversi kuntatti biex dan jiġi ikkonfermat. Sar ukoll test tal-urina li irriżulta fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Overall jidher illi Matthew għaddej fit-triq it-tajba.*

[5] Seduta ta' 10 ta' Marzu 2016

*[...]*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*
*Jekk ikun hemm sentenza ta' priġunerija effettiva, x'effett jista' jkollha?*
*<u>Xhud</u>:*
*Naħseb li jkun ta' detriment kemm għalih, li issa qiegħed għaddej b'andament pożittiv, u speċjalment ukoll fuq il-bqija tal-familja fejn peress li l-partner tiegħu bħalissa ma hix qed taħdem biex tieħu ħsieb it-tfal, hu huwa l-unika persuna li qiegħed jipprovdi għall-għajxien ta' dawn it-tfal."*

Il-Psikologa **<u>Dr Roberta Holland</u>**[6] xehdet li Carmel Hartley kemm ilu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin:

*"... in terms of behaviour, u kif ġab ruħu bħala rispett u hekk, mhux wieħed biss illi sempliċiment kien tajjeb jew ta' imġieba tajba, imma kien naqra aħjar minn hekk. Għaliex ħadem ħafna. Dan l-aħħar ukoll mexa biċċa biex jibda jattendi counselling. Jiġifieri qiegħed verament kien sejjer tajjeb. Kien hemm xi issues ovvjament anke li wasslu għar-reat u r-reati li kellu illi kellu bżonn, u forsi għad għandu bżonn jaħdem naqra fuqhom. Jiġifieri naqra ċertu ħsibijiet b'ċertu tendenzi. Allura speċi, però beda l-counselling għalihom, jiġifieri jkun tajjeb illi jekk joħroġ jibqa' sejjer, għaddej u jkollu pereżempju, ma nafx jekk hux probation, imma xi supervisor minn naħa tal-Qorti biex ikun jista' jżomm fi gwida, u jirreferi għalih. Tajjeb li jkompli sejjer bil-counselling. Però minn naħa tal-ħabs qisu ilu żmien biżżejjed illi ta prova illi mhux just an image jew just għax-show."*

[...]

[6] Seduta 23 ta' Settmbru 2015

*Wieħed jispera illi l-esperjenza tal-ħabs serviet bħala rijabilitazzjoni mhux biss bħala deterrent ukoll, jiġifieri u retribution. Hu jidher illi milli għamel, miż-żmien illi għamel fil-ħabs, mhux bħal dak li ngħidulu speċi qiegħed jagħmel hekk għax-show jew biex juri biss, għax ilu pjuttost żmien biżżejjed li kieku kien se jagħmel anke bħala mġieba tiegħu dejjem kienet tajba. Jiġifieri għandi l-behaviour sheet ukoll anke min-naħa tal-ħabs, ittieħdulu urines u affarijiet hekk. Disciplinary infrigements, jiġifieri rapporti min-naħa tal-ħabs, xejn ma kellu, jiġifieri bħala mġieba verament eżemplari.*

*[...]*

*Jiġifieri min-naħa tal-ħabs per eżempju bħalissa diġà qiegħed joħroġ jaħdem bil-Community Work, fil-każ tiegħu jerġa' hija sistema li twaqqfet anzi dan l-aħħar, għax ma' private employer mhux mall-Kunsilli Lokali u hekk bħal ħaddieħor, jiġifieri hu kien wieħed minn naħseb xi handful hemm bħalissa, li għadhom bis-sistema.*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fid-decizjoni taghha ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li fis-sottomissjoni finali orali tal-Prosekuzzjoni ma oggezzjonatx li l-imputati jkunu trattati skont dak li jipprovdi l-**Att tal-Probation** (Kap 446).

**Il-Qorti mhix hawn biex tissodisfa l-ghajta ta' dawk li ghal kull reat li jsir f'pajjizna johorgu b'hangra jghajtu "salbu, salbu". Kieku l-Qrati taghna jcedu ghal xi forma ta' pressjoni nkluz tal-pubbliku jkunu qeghdin jaghmlu ingustizzja flok gustizzja. Kieku l-Qrati taghna jcedu ghall-pressjoni kieku fit-toroq taghna jkollna kwantita' kbira ta' Barabbas jigru mas-saqajn.**

**Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu pero' ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.**

**Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddeciedi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.**

**Il-Qorti filwaqt li tibbaza d-decizjonijiet taghha fuq dak li tipprovdi l-ligi, u tara li timxi mal-parametri dwar il-pieni li tipprovdi l-ligi, tara li tuza wkoll l-ghodod kollha li jipprovdilha l-legislatur biex persuna kemm jista' jkun tinghata direzzjoni f'hajjitha u tirritorna lura hielsa minn kull madmad fis-socjeta'.**

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[7] dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***<u>Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion</u>*** (enfasi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

[7] R v. Sargeant (1974) 60 Cr. App. R. 74

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-**Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani** nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

> "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel Gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

> *Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca fil-11 ta' Lulju 2014 waqt il-gradwazzjoni tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna ....*

L-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech waqt il-Gradwazzjoni tal-Istudenti tal-Ħames Sena tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 qal:

> *Iċ-ċiviltà tagħna temmen ħafna bil-liġijiet. Kollox huwa ddettat mil-liġi. Għall-kotra, li tkun ġust ifisser li timxi skont il-liġi, u l-kunċett ta' ġustizzja huwa wieħed legali. Meta naħsbu li tkun saret inġustizzja, nirrikorru għand il-qrati, fejn suppost hemm l-*

*amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk, jekk wieħed ikollu ħtija, ikollu jħallas. Imma l-esperjenza tgħallimna li mhux kull meta kienet applikata l-ittra tal-liġi tkun saret ġustizzja. Ħafna drabi ninsew li the law can be an ass u l-applikazzjoni tagħha tikkawża inġustizzja flok ġustizzja. Ċiċerun kien jgħid li "summum ius, summa injuria" – fis-sens li meta jkun hemm applikazzjoni riġida tal-liġi, taf issir inġustizzja.*

Papa Frangisku tkellem dwar il-hniena u l-gustizzja waqt l-Udjenza Generali nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2016:

"*Kif nirrikonċiljaw ir-realtà tal-ħniena mal-esiġenzi tal-ġustizzja? Jafu jidhru bħala żewġ realtajiet li jikkuntradixxu lil xulxin; fir-realtà m'huwiex hekk.*
*[...]*
*Hekk biss il-ġustizzja tista' tittrijonfa ... jekk il-ħati jagħraf il-ħażen li jkun għamel u jieqaf jagħmlu, araw kif il-ħażen m'għadux hemm iżjed, u dak li kien inġust isir ġust, għax ġie maħfur u megħjun jerġa' jsib it-triq tat-tajjeb. U hawn sewwa sew tidħol fil-biċċa l-maħfra, il-ħniena.*"

L-imputati hekk ghamlu. Gharfu li zbaljaw, iddispjacihom u llum jinsabu fit-triq t-tajba tant li lesti jaghtu lura dak li hadu bir-reati li wettqu.

**DECIDE**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija, li l-imputati Charles Hartley u Matthew Portelli jigu kkundannati jaghmlu xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' probation fil-konfront taghhom, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija u dana sabiex l-imputati jinghataw direzzjoni f'hajjithom. L-ghan tal-Qorti huwa dak li apparti li tara li l-imputati

jigu kkundannati ghal dak li wettqu, tara wkoll li haga simili l-imputati jaghrfu li ma jergghux iwettquha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 9 ta' April 2012 b'mod partikolari Artikoli 17, 18, 23, 31, 261(b),(c),(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a)(b), 280(1), 49, 50, 289, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Charles Hartley u Matthew Portelli hatja tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront taghom u tordna li, ai termini ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati jitqieghdu taht Ordni ta' Probation u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-probation ghal tliet (3) snin mil-lum u li jaqdu ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmlu xoghol bla hlas ghal tmenin (80) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-probation.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltilhom x'inhuma l-konsegwenzi jekk huma ma joqoghdux ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hatja accettaw li joqoghdu ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputati Charles Hartley u Matthew Portelli bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jistghu jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom nstabu hatja b'din is- sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-

probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Charles Hartley u Matthew Portelli.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħatja sabiex bejniethom nofs bin-nofs ihallsu lill-*parte civile* s-somma ta' sebat elef mitejn ewro u hmistax-il centezmu (€ 7200.15)[8] rapprezentanti d-danni sofferti minħabba r-reat li wettqu il-hatja u dan mhux aktar tard minn tmintax (18)-il xahar mil-lum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien sitt (6) xhur mil-lum ihallsu bejniethom s-somma ta' elfejn, mitejn u tlieta u erbghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€ 2243.31) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[8] Skont ix-xhieda ta' Maurice Borg moghtija fit-18 ta' Novembru 2010